FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 19 TA' DICEMBRU, 1996

Avviz Nru.474/96

Joseph Bonello

vs

Albert Sammut

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Hamsin Lira Maltija, (Lm5Ø), premess:

Illi l-attur Joseph Bonello sofra danni fuq il-vettura tieghu Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni O-3065 wara li mutur proprjeta' ta' Albert Sammut u li kien mikri lill-persuna ta' nazzjonalita' barranija baqa' diehel fuq il-vettura tal-attur f'Marfa Road, Ghadira, limiti tal-Mellieha nhar it-2 ta' Lulju, 1995;

L-Elmo Insurance Services Limited hallset parti mid-danni li sofra l-konvenut izda naqset li thallas l-ammont bilancjali ta' Lm5Ø rapprezentanti l-"policy excess" stante li l-konvenut naqas li jaffettwa it-tali hlas;

L-attur ghalhekk qieghed jitlob il-hlas tas-somma bilancjali flimkien mal-imghax relattiv mid-data tal-incident, flimkien mal-ispejjez gudizzjarji komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-3Ø ta' Awissu, 1996.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, ma pprezentax risposta fir-rigward u lanqas ma deher;

Semgha lil Joseph Bonello li spjega li l-incident in kwistjoni gara fit-2 ta' Lulju, 1995, ghall-habta tal-11p.m., meta hu kien miexi bil-mod f'Marfa Road, Ghadira, u mutur numru P-8273 misjuq minn persuna ta' nazzjonalita' Italjana baqa' diehel go fih, peress li s-sewwieq haseb li qed isuq b'regoli li japplikaw ghall-kontinent. L-attur spjega li kellu Lm157 danni. L-assikurazzjoni hallsitu Lm1Ø7, u ghalhekk fadal bilanc ta' Lm5Ø. L-attur ezebixxa r-road accident report u sketch relattivi ghall-incident.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

Peress li jirrizulta li l-incident tassew gara tort tas-sewwieq tal-mutur P-8273, u peress li nonostante l-ittra Dok.A li l-assikurazzjoni baghtet fis-17 ta' Settembru, 1996, lill-konvenut ~~fejn~~, dana baqa' ma ghamel xejn; u in vista tal-Artikolu 13 (b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Hamsin Lira Maltija, (Lm50), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz, u l-ispejjez tal-ittra bonarja tat-30 ta' Awissu, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.